MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-17 ta' April, 2009

Numru 297/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mauro Zammit**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mauro Zammit, bin Paul u Rita nee Mercieca, imwieled fit-22 ta' Marzu 1986, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 145286(m), talli fil-21 ta' Marzu 2008 ghall-habta ta' nofs in-nhar u hames minuti, waqt li kien fi Triq is-Sellum, ir-Rabat, Ghawdex (**1**) kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu u garr f'karozza DBB-869 senter tal-marka Pietro Beretta bin-numru tar-registrazzjoni U45373E u munizjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, (**2**) waqt li kien f'vettura DBB-869 kellu fil-pussess tieghu u garr l-imsemmija arma tan-nar ikkargata u barra mill-ghata taghha, (**3**) waqt li kien fl-istess vettura kellu fil-pussess u garr arma tan-nar licenzjata ghall-kacca

tat-tjur li kellha kompartiment tal-iskratacc li jista' jzomm aktar minn zewg skratacc fl-istess hin, (**4**) fl-istess data, hin u post garr u kien fil-pussess ta' skratacc (munizzjon) ikkargati b'comb ta' diametru aktar minn 3.3mm, (**5**) talli fl-istess cirkostanza zamm u garr apparat elettriku jew elettroniku (*pre-recorded bird caller*) li l-uzu tieghu huwa pprojbit skond il-ligi, u aktar (**6**) talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-15/9/05, u zewg sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 13/2/06 u 12/12/06;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-2 ta' Ottubru 2008, li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Mauro Zammit mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u dana ghar-raguni, skond kif jinghad fl-istess sentenza, "*illi fid-dawl tal-provi prodotti jirrizulta illi l-imputat ma kienx a konoxxenza tal-fatt illi siehbu Yanic Fenech kellu arma tan-nar fil-vettura*";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu pprezentat fl-24 ta' Ottubru 2008, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza, u li minflok din il-Qorti ssib lill-appellat hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta' Marzu 2009; ikkunsidrat:

**1.** L-aggravju ta' l-Avukat Generali jikkonsisti, bazikament, filli skond hu l-ewwel qorti ghamlet apprezzament manifestament zbaljat tal-provi li kellha quddiemha.

**2.** Din il-Qorti, wara li semghet il-provi fl-udjenza tal-5 ta' Marzu 2009, hi tal-fehma li l-appellant Avukat Generali ghandu, in parti, ragun. Mid-deposizzjonijiet tat-tliet xhieda li ddeponew f'din il-kawza – PS 1346 Anton Schembri, Yannick (jew Yannic) Fenech u Jodie Chircop[1] – jirrizulta li nhar il-Gimgha, 21 ta' Marzu 2008, li kien il-jum tal-Gimgha l-Kbira, Fenech qal lill-appellat biex imur mieghu

[1] Id-deposizzjoni ta' din Jodie Chircop – fol. 55-56 – ftit li xejn hi ta' relevanza. L-appellat ma xehedx.

ghal “dawra” Ghawdex. L-ideja kienet li l-vettura ta’ Fenech isuqha Zammit, u dan peress li Fenech ma kellux licenzja biex isuqha. Skond Fenech, kemm hu kif ukoll Zammit huma dilettanti tal-kacca. Dejjem skond Fenech, Zammit ma kienx jaf li Fenech kellu senter tal-kacca, munizzjon u *bird caller* fil-vettura qabel ma hallew Malta ghal Ghawdex. Huma t-tnejn kienu akkumpanjati minn Jodie Chircop. Waqt li kienu Ghawdex ghal din id-“dawra”, f’xi hin Fenech mar gab is-senter li kien fil-bagoll, nehhieh mill-ghata tieghu, u mar hadu hdejh fuq il-*passenger seat* ta’ quddiem[2]. Mistoqsi ghalfejn hareg is-senter mill-bagoll u x’kien bi hsiebu jaghmel bih, wiegeb: “Biex inzommu hdejja, hu.” Jirrizulta wkoll li dam hekk bis-senter hdejh ghal xi hames minuti qabel ma hu, l-appellat u Chircop gew imwaqqfa mill-pulizija:

Xhud: U forsi kont ilni xi hames minuti f’idejja, magenbi hekk.
Qorti: Jigifieri magenbek fil-*passenger seat* bis-senter f’idejk?
Xhud: Magenbi hekk.
Qorti: Kien ilek hames minuti hekk. U f’dawn il-hames minuti l-karozza miexja, hux hekk?
Xhud: Ezatt.

Ix-xhud Fenech kompla jippreciza li b’“magenbi hekk” ried ifisser bejnu u bejn Zammit, li kien qed isuq.

**3.** Issa, f’hin minnhom, waqt li l-vettura kienet ghaddejja mit-triq indikata fl-imputazzjoni, Fenech kellu bzonn jieqaf biex jghaddi l-ilma. Kien dak il-hin li nsertat fuq il-post vettura tal-pulizija, li giet minn wara dik li kien qed isuq l-appellat Zammit; u, kif fisser is-Surgent Schembri, kif min kien qed isuq intebah b’din il-vettura tal-pulizija, beda biex ikompli jsuq, ghalkemm bil-mod. Iz-zewg ufficjali tal-pulizija li kienu f’din il-vettura intimaw lis-sewwieq biex jieqaf, dan waqaf u kif wiehed minnhom mar fuq il-vettura DBB-869 sab is-senter barra mill-ghata tieghu iserrah mal-*passenger seat* ta’ quddiem. Il-kuntistabbli 1005,

[2] Chircop, li rrizulta li kienet riekba wara, tghid li kienet aljenata tara DVD.

intant, mar waqqaf lil Fenech li kien gej lura mill-ghalqa wara li ghamel il-bzonnijiet tieghu.

**4.** Minn dawn il-provi, ghalhekk, jirrizulta minghajr l-icken dubbju li Zammit kien ilu mill-anqas hames minuti konxju tal-fatt li siehbu Fenech kellu senter mikxuf li kien qed izomm bejniethom. Huwa veru li Zammit kien qed isuq u, suppost, mohhu fit-triq; izda trid tkun qed tbati minn stat ta' cecita` akuta biex ma tindunax ghal kwazi hames minuti li bejnek u bejn il-passiggier hemm senter u, *per di piu`*, mhux fil-ghata tieghu. Din il-Qorti lesta li taghti l-beneficcju tad-dubbju lill-appellat li hu ma kienx jaf bid-dimesjoni tac-comb, bil-*bird caller*, b'kemm-il skartocc kien jiehu l-kompartiment tas-senter, u jekk is-senter kienx ikkargat jew le dak il-hin; pero` din il-Qorti hija arcikonvinta li l-appellat kien jaf li waqt li kien qed isuq kien hemm senter barra mill-ghata tieghu ezatt hdejh.

**5.** Issa, ir-regolament 18(1)(g) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L.79/2006)[3] jipprovdi li "ebda persuna m'ghandha, waqt li tkun f'xi vettura...ikollha pussess ta' arma tan-nar ikkargata jew barra mill-ghata taghha…" (sottolinear ta' din il-Qorti). Dan hu r-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni. Din il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li l-appellat Zammit sar hati ta' dan ir-reat mhux biss in kwantu kien fil-pussess tal-arma mikxufa ghall ftit hin li Fenech mar biex jghaddi l-ilma, izda wkoll in kwantu huwa kien komplici, fit-termini tal-Artikolu 42(d) tal-Kodici Kriminali, ma' l-istess Fenech ghal dawk il-hames minuti li huwa saq bl-istess senter bejnu u bejn Fenech.

**6.** Kwantu ghall-ewwel imputazzjoni, li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 5(1) tal-Att dwar l-Armi (Kap. 480), din il-Qorti mhix ser issib lill-appellat hati ghas-semplici raguni li hi tal-fehma li ma giex sodisfacentement pruvat li huwa ma kellux, fid-data indikata fl-imputazzjoni, licenzja skond l-imsemmi Att. In fatti, meta ddepona PS Schembri, ghalkemm qal li "rrizultalu" li Zammit ma kellux licenzja biex igorr armi, huwa wera certu incertezza jekk fil-fatt l-appellat qattx kellu tali licenzja, jew kellu u giet

[3] Legislazzjoni Sussidjarja 435.68

“konfiskata”, jew ma kienx hallasha; tant hu hekk li huwa stess qal li dwar din l-affari tal-licenzja “imbaghad dak jixhidha fil-kaz min hu fuq il-licenzji”. Pero` dan ix-xhud li “hu fuq il-licenzji” qatt ma gie prodott mill-prosekuzzjoni. Ghalhekk din il-Qorti ser tikkonferma l-liberazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni.

**7.** Ghar-ragunijiet aktar ‘l fuq imfissra, din il-Qorti sejra wkoll tikkonferma l-liberazzjoni fir-rigward tat-tielet, raba’ u hames imputazzjonijiet.

**8.** Kwnatu ghall-imputazzjoni tar-recidiva, din tirrizulta pruvata. Infatti, skond il-kopji legali tas-sentenzi ezibiti a fol. 6, 9 u 11 l-appellat diga` nstab hati fi tlett okkazjonijiet precedenti bi ksur tar-regolamenti tal-kacca. Fil-15 ta’ Setembru 2005 huwa nstab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) li, waqt li kien Ghawdex u kien passiggier fi *truck* zamm u garr senter ikkargat, liema arma kella *magazine* mhux skond il-ligi, u li kellu skratacc b’comb li wkoll kien bi ksur tal-ligi – hu gie kkundannat multa ta’ mitt lira, bil-konfiska tal-*corpus delicti*. Ftit wara, fit-13 ta’ Frar 2006, huwa rega’ nstab hati, din id-darba mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li ma hax hsieb sew tal-arma li kien qed igorr, kien qed igorr arma li kienet ikkargata b’numru ta’ skratacc aktar milli suppost, li uza comb projbit, kif ukoll li kien recidiv – il-Qorti Inferjuri regghet immultatu mitt lira ohra. Fit-12 ta’ Dicembru 2006 huwa rega’ nstab hati li waqt stagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar huwa garr jew kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar barra mill-ghata taghha, u munizzjoni jew xi mezz iehor biex jikkaccja jew jiehu ghasafar, u li kien recidiv. Din id-darba gie kkundannat multa ta’ hamsin lira. Huwa evidenti li ghalkemm il-qrati kienu, sa issa, manjanimi mal-appellat – u fil-fehma ta’ din il-Qorti, tolleranti wisq sal-punt li kwazi jgibu fix-xejn il-ligijiet tal-pajjz – dan, min-naha tieghu, jidher li l-lezzjoni ghadu ma hadix. Huwa appena necessarju jinghad li l-ligijiet tal-pajjiz, u aktar u aktar ligijiet li jimportaw l-uzu ta’ armi tan-nar, ghandhom jigu osservati *ad unguem*, u mhux trattati qisu xejn m’hu xejn. Galadarba l-appellat huwa recidiv (anzi recidiv plurimu, u dejjem fl-istess tip ta’ reati) tiskatta d-

disposizzjoni tas-subparagrafu (b) tal-paragrafu (3) tar-regolament 27 tal-A.L. 79/2006.

**9.** Ghall-motivi premessi din il-Qorti tipprovdi dwar l-appell ta' l-Avukat Generali billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu lliberat lill-appellat Mauro Zammit mill-ewwel, mit-tielet, mir-raba' u mill-hames imputazzjoni, thassarha u tirrevokaha fil-bqija, u cioe` in kwantu l-appellat gie liberat mit-tieni u mis-sitt imputazzjoni, u minflok, wara li rat ir-regolamenti 18(1)(g) u 27(1)(3)(b) tal-A.L. 79/2006, issibu hati skond l-imsemmija tieni u sitt imputazzjoni, u tikkundanna lill-istess Mauro Zammit ghall-piena ta' hamsa w ghoxrin gurnata (25) prigunerija kif ukoll multa ta' elfejn euro (€2,000) (konvertibbli f'hames xhur prigunerija ohra f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi); tordna wkoll is-sospensjoni ta' kwalsiasi licenzja jew permess li talvolta l-appellat ghandu jew jista' jkollu mahruga taht l-imsemmija regolamenti u taht it-taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, u dan ghall-periodu ta' tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------